

# IL-MIRAKLU TAD-DQIQ U TAŻ-ŻEJT (1 SLAT 17,7-16) (3)

*Mons Lawrenz Sciberras*

Il-profeta Elija barra li huwa profeta ta' ħeġġa enormi u tan-nar, wieħed bla kantunieri, iebes bi kliemu u f'għemilu, mingħajr ebda rispett uman speċjalment mas-slaten. Ma' dawk li jkasbru l-ġustizzja soċjali u ma' dawk li ma jipprattikawx it-twemmin tal-Lhud, għandna nħarsu wkoll lejh bħala ħabib tassew taż-żgħar, tal-fqar, tar-romol u tal-orfni, ta' l-imsejkna. Elija li huwa iebes tassew ma' dawk li huma prepotenti, u bla ebda ġustizzja ta' xejn, juri

wkoll kemm huwa twajjeb, ħelu, ġwejjed u umli mal-fqar ż-żgħar, l-imwarrbin dawk li ma hemmx min jiddefendihom.

Il-ġrajja tal-laqgħa ta' Elija mal-armla ta' Sarefta hija waħda tassew li tmiss il-qalb. Hawn se naraw il-miraklu tad-dqiq u ż-żejt, iż-żewġ elementi tant meħtieġa għall-għajxien tal-ħajja, imma wkoll żewġ elementi mimlijin simboliżmi. Huma wkoll żewġ prodotti li l-art tagħti u tipprovdi.

## Elementi ċentrali tal-ġrajja

Qabel ma nkomplu nidħlu f'aktar dettal dwar din il-ġrajja sewwa li wieħed jibda biex isemmi dawk id-dettalji ċentrali flimkien mal-personaġġi li jiffurmaw din il-ġrajja hekk providenzjali. Dawn huma: (1) il-post fejn, Sarefta, (2) waħda armla, (3) qiegħda ħdejn bieb il-belt, (4) tiġbor il-ħatab, (5) belgħa ilma x'nixrob, (6) kisra ħobż, (7) xejn maħbuż, (8) biċċtejn ħatab, (9) nikluha u (10) immutu. Stat ta' faqar aktar qawwi minn dan ma jistax jeżiżti, estremità assoluta

Barra dan Alla amar lill-profeta Elija biex dan imur u joqgħod f'Sarefta (vv 7-9). Hawn ta' min jinnota li din l-għażla li għamel Alla mal-profeta Elija baqgħet imnaqqxa fil-memorja tal-poplu ta' Israel. Tant hu veru dan li Ġesù nnifsu fl-ewwel diskors tiegħu li għamel fis-



sinagoga ta' Nazaret għamel riferenza għal din il-ġrajja; "Għax ngħidilkom is-sewwa kien hemm bosta romol f'Israel fi żmien Elija meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu; madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda armla minn Sarefta ta' Sidon" (Lq 4,25-26). Jiġifieri dak li l-profeta Elija ma sabx fost il-poplu tiegħu stess sabu għand il-barranin, il-pagani.

Dan l-episodju għandu importanza partikulari għaliex joħroġ għad-dawl l-interess tal-profeta għall-pagani – goyim – mela għal dawk it-talin li ma jiffurmawx parti mill-poplu ta' Alla. Talin li ma kellhomx sinagogi fejn jinġabru u jitolbu bil-Kelma ta' Alla, talin li ma jiċċelebrawx il-festi biex ifakkru fil-mumenti kbar fl-Istorja tas-Salvazzjoni tagħhom, talin li t-tempju bis-sagrificcji kien biss ħolma jekk mhux ukoll mogħdija ta' żmien. U kien grazzi għal dan il-profeta li l-poplu wara li ra l-miraklu ta' Elija beda jħares mod ieħor lejn dawn in-nies mibgħutin minn Alla.

## Il-laqgħa ta' Elija mal-armla

L-ewwel ħaġa li talab il-profeta lil din l-armla kienet l-anqas ħaġa li qatt seta' jitlob: agħtini nixrob. Meta mbagħad Elija intebaħ li din il-mara umli u fqira kienet lesta biex taqdih aktar u mill-qalb, Elija żied it-talba. "Ġibli jekk jogħġbok, kisra ħobż f'idejk". It-tweġiba tal-armla kienet waħda emozzjonanti tassew: "F'ġieħ ħajjet il-Mulej Alla tiegħek". Donnu l-armla riedet tissiġilla bis-sħiħ dak kollu li kienet se tgħid. Hawn forma ta' ħalfa! Għalhekk hija semmiet "'l Alla tieghek".

Minkejja li din l-armla ma kenitx tagħmel parti mill-poplu magħżul, l-armla bħal ħafna persuni oħra reliġjużi ta' żmiena, intebħet u għarfet li dak kien bniedem ta' Alla, mela jixraqlu l-aħjar! U mhux biss, iżda instintivament l-armla tat xhieda tal-qima, rispett u ubbidjenza lejn il-profeta.

Madankollu l-armla ma kellha xejn; kienet quddiem bniedem ieħor fqir u nieqes minn kollox bħala. L-ewwelnett Elija kellu jaħrab mill-istess moħba f'Kerit, issa ġie bla dar u saqaf, ma kien fadallu ebda għan speċifiku ieħor, u mingħajr ebda possibiltà li jistrieħ fuq xi ħadd! Biss mill-kuntest jidher sew li l-armla kienet wisq aktar fqira minn Elija.

## Alla l-ħaj

Diġà rajna li l-armla minkejja li ġejja minn poplu mhux Lhudi uriet li temmen bis-sħiħ f'Alla imma wkoll Alla ħaj, Alla li jista' kollox, Alla qawwi, Alla providenza. Fuq kollox dan Alla għal dik l-armla kien wieħed li jwarrab lil prepotenti u lil kull forma oħra ta' inġustizzji u qerq. Mela huwa Alla li jbaxxi ħafna lis-suppervi. Il-ġrajja ta' l-għalqa tad-dwieli ta' Nabot hija konferma ta' dan kollu. (1Slat 21).

Sant'Ambroġ ikompli jistagħġeb bl-imġiba tal-profeta Elija fid-djaloġu li kellu mal-armla. "Forsi Elija kien anqas ferħan u kuntent għall-fatt li kien fqir? Xejn minn dan! Anzi Elija kien aktar ferħan għaliex kien għani quddiem Alla. Il-faqar mela huwa għana evanġelika, għana misterjuż u divin. Il-bniedem ta' din id-dinja ma jista' qatt jasal biex jifhem din il-verità. Dan għaliex kollox jiddependi minn liema ottika wieħed iħares lejn il-ġid tad-dinja, jista' jkun ġid li ijassar u ġid li jagħmlek aktar kuntent u ferħan.

## Alla jħobb lil min hu altruwista.

Elija ntelaq u ħalla lil Alla jagħmel Hu minnu. Ġie mitlub biex imur lejn nixxiegħa tal-ilma frisk; imur lejn pajjiż kollu kemm hu barrani għalih, u fuq kollox jittallab x'jiekol minn għand armla minn Sarefta ta' Sidon (1 Slat 17,8). Dan kien waqt qawwi tassew għal profeta fejn ħarġet it-

telqa tiegħu f'Alla. Xejn ma kien faċli għal Elija, imma mwieżen minn Alla huwa kompla l-mixja tiegħu.

Ukoll l-armla nsiet lilha nfisha, għaliex wara li semgħet kliem il-profeta, b'moħħha mistrieħ ippreparat l-ikel għall-profeta wkoll, minkejja li kważi ma kien fadlilha xejn. Dan juri telqa sħiħa u totali f'Alla li kienet temmen fiH. F'dan il-każ Alla 'l ħaj jippreżenta lilu nnifsu fil-moħbi u fis-sempliċità, milli aktar fil-wirja u daqq ta' trombi. Alla jipprovdi ftit ftit u bil-paċenzja. Id-dqiq tal-armla ma naqas qatt. U kif ġara dan hija stess ma kenitx taf tfissru. Mela telqa sħiħa fil-providenza.

Alla, għaliex huwa ħaj, jinħeba wkoll fil-mirakli u f'sinjali straordinarji. Dan qalu u saħħu Ġesù stess. Fetaħ għajnejn l-għama (Ġw 9). Xtaq li ħadd ma jkun jaf x'ġara. Iqajjem lil bint il-kap tas-sinagoga. Ġesù wissihom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd" (Mk 5,43). L-istess jiġri fil-fejqan ta' wieħed imġiddem: "Qis li ma tgħid xejn lil ħadd. Iżda mur uri ruħek lill-qassis, u agħmel offerta għall-fejqan tiegħek, kif ordna Mosè" (Lq 5,14).

Alla l-ħaj ikun dejjem qrib ta' dawk li jintelqu f'idejh: Din hija l-fiduċja li għandu jkollu kull bniedem f'Alla. Il-profeta Elija huwa sinjal qawwi, ċar u tanġibbli ta' dan kollu. Tant taħbit u preokkupazzjoni għal xejn. Kollox fi ftit ħin itir mar-riħ. Kemm fih x'wieħed jomgħod kliem Ġesù meta qal: "Biżżejjed hu għal jum it-taħbit tal-ġurnata" (Mt 6,34).

Għalhekk mela wkoll li l-profeta Elija huwa figura frekwenti fit-Testment il-Ġdid. Dan għaliex minkejja l-faqar li kien għaddej minnu huwa sab il-komfort u dak li jeħtieġ għand min kellu l-anqas, waħda armla! Għalhekk hemm differenza kbira bejn il-loġika ta' din id-dinja u l-loġika ta' Alla,

## Sa minn din id-dinja stess.

Il-konklużjoni ta' din il-ġrajja tal-armla ma' Elija hija waħda aktar imxaqilba lejn





ġrajjiet is-sema milli lejn dawk tal-art. Għaliex din l-arma ma naqasha xejn aktar minkejja li temgħet lill-profeta minn dak li kien fadlilha. U la d-dqiq u lanqas iż-żejt! Stramba tassew imma vera. Għaliex Alla jħallas kemm il-ħażin kif ukoll it-tajjeb sa minn din id-dinja stess. Kulħadd għad irid iwieġeb għal għemilu. Hekk ġralha l-armal ta' Sarefta minn Sidon (1 Slat 17, 16).